



Brussell, 6 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16254/1/23
REV 1

LIMITE

ECOFIN 1321
UEM 426
CODEC 2354

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0138(COD)
2023/0137(CNS)
2023/0136(NLE)

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Riforma tal-Governanza Ekonomika: - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 - Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titthaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv - Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri - Approċċ Ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża nota riveduta mill-Presidenza, b'kont meħud tad-diskussjonijiet fil-laqgħa tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji tal-5 ta' Diċembru 2023.

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni adottat "Pakkett ta' Riforma tal-Governanza Ekonomika" li jinkludi tliet proposti: (i) proposta leġiżlattiva għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva ta' politiki ekonomiċi u sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97^{1,2} (ii) proposta leġiżlattiva għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv; u (iii) proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri³.
2. Il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva ta' politiki ekonomiċi u sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 hija bbażata fuq l-Artikolu 121(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija soġġetta għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv hija bbażata fuq l-Artikolu 126(14), it-tieni subparagrafu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija soġġetta għall-proċedura leġiżlattiva speċjali. Il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri hija bbażata fuq l-Artikolu 126(14), it-tielet subparagrafu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u hija bbażata fuq proċedura *sui generis*.

¹ Dokument 8776/23 + ADD1

² Dokument 8777/23

³ Dokument 8778/23

3. Il-valutazzjonijiet li jħarsu lura tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE ġew ippubblikati fi Frar 2020⁴ u f'Ottubru 2021⁵. Il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2021 u rċeviet 225 kontribuzzjoni valida minn dawk li wiegħbu f'25 pajjiż differenti, inkluż 21 Stat Membru tal-UE u erba' pajjiżi mhux tal-UE⁶.

II. ELEMENTI EWLENIN

4. Il-proposti għandhom l-għan li jsaħħu s-sostenibbiltà fiskali u t-tkabbir sostenibbli billi jersqu lejn qafas ta' sorveljanza tal-UE bbażat fuq ir-riskju li jiddistingwi bejn l-Istati Membri billi tqis l-isfidi tad-dejn pubbliku u ekonomiċi tagħhom. Pjanijiet fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju jkunu l-pedament tal-qafas propost. Dawn jintegraw l-oġettivi fiskali, ta' riforma u ta' investiment. L-Istati Membri jkollhom aktar flessibbiltà biex jistabbilixxu n-nefqa netta fiskali tagħhom, filwaqt li tissaħħaħ is-sjieda nazzjonali tat-trajettorji fiskali tagħhom. Fl-istess ħin, ikun kruċjali li dawk il-pjanijiet jiġu ankrati f'qafas komuni tal-Unjoni minħabba l-effetti kollaterali potenzjali li jeżistu fost il-membri ta' unjoni ekonomika u monetarja. Dan jiżgura wkoll it-trattament ugwali tal-Istati Membri u l-konsistenza mal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni.

⁴ Il-Komunikazzjoni COM(2020) 55 final tal-5 ta' Frar 2020 mill-Kummissjoni "Rieżami tal-governanza ekonomika, Rieżami tal-governanza ekonomika Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011, 1174/2011, 1175/2011, 1176/2011, 1177/2011, 472/2013 u 473/2013 dwar l-idoneità tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE".

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2021) 662 final tad-19 ta' Ottubru 2021 "L-ekonomija tal-UE wara l-COVID-19: implikazzjonijiet għall-governanza ekonomika".

⁶ SWD(2022) 104 final

5. Il-mira li tiġi konkluża l-ħidma leġiżlattiva sa tmiem is-sena ġiet affermata fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar "Orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE"⁷ u sussegwentement approvata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023⁸, tad-29 u t-30 ta' Ġunju 2023⁹ u tas-27 ta' Ottubru 2023¹⁰.
6. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina l-proposti f'29 laqgħa mit-2 ta' Mejju sal-1 ta' Diċembru 2023 taħt il-Presidenza Żvediża u dik Spanjola. Wara l-ewwel ċiklu ta' deliberazzjonijiet matul l-ewwel semestru, il-presidenza Spanjola ddiskutiet it-testi kollha, artikolu b'artikolu. B'mod partikolari, f'Lulju, il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina fi ħdan il-Parti Preventiva d-dispożizzjonijiet relatati li ġejjin: Semestru Ewropew, dispożizzjonijiet komuni, Atti Delegati, metodoloġija, aspetti istituzzjonali, Pjanijiet Fiskali-Strutturali fuq Terminu Medju, Rapport ta' Progress, Klawżoli Liberatorji, u proċess u kalendarju. F'Awwissu, il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina d-Direttiva u f'Settembru l-Parti Korrettiva kif ukoll dispożizzjonijiet komuni dwar Istituzzjonijiet Fiskali Indipendenti fit-tliet testi legali, id-dispożizzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Sorveljanza fil-Parti Korrettiva u d-dispożizzjonijiet tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku fil-Parti Preventiva. Sal-aħħar ta' Settembru ġiet ippreżentata proposta riveduta dwar il-Parti Preventiva għal 70 % tat-test. Fil-bidu ta' Ottubru ġew ippreżentati verżjoni riveduta tas-70 % tal-Parti Korrettiva u verżjoni sħiħa tad-Direttiva fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji. Fl-aħħar nett, f'Novembru t-tliet testi sħiħ ġew rieżaminati fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji. Ir-Rieżami tal-Governanza Ekonomika kien fuq l-aġenda tal-Kunsilli Ecofin kollha taħt il-Presidenza Spanjola u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju kellu skambju ta' fehmiet fit-tul.

⁷ Dokument 6995/1/23

⁸ EUCO 4/23

⁹ EUCO 7/23

¹⁰ EUCO 14/23

7. Abbażi tad-diskussjonijiet f'dawk il-laqgħat, kif ukoll tal-kummenti bil-miktub li waslu, il-Presidenza Spanjola ħejjiet it-testi ta' kompromess kif jinsabu fid-dokumenti 15874/23 + ADD1, 15876/23, u 15396/23.
8. Matul il-laqgħa tal-grupp ta' ħidma li saret fil-5 ta' Diċembru 2023, il-Presidenza ppreżentat lill-Istati Membri t-testi ta' kompromess, u d-Delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ tagħhom għall-intenzjonijiet tal-Presidenza li tmexxi 'l quddiem il-fajl u tistieden lill-Kunsill biex fit-8 ta' Diċembru 2023 jaqbel dwar approċċ ġenerali.
9. Il-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 għadha pendenti. Il-Bank Ċentrali Ewropew ippubblika l-opinjoni tiegħu dwar it-tliet proposti fil-5 ta' Lulju 2023 (ĠU C 290, 18.8.2023, p. 17–25.).
10. Sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, id-dokumenti 15874/23 + ADD1, 15876/23, u 15396/23 ser jiġu ppublikati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill qabel id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill.

III. KONKLUŻJONI

11. Fid-dawl ta' dan kollu, huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti:
- a. Jeżamina t-testi li jinsabu fid-dokumenti 15874/23 + ADD1, 15876/23, u 15396/23 bil-ħsieb ta' approċċ ġenerali.
 - b. Jirrakkomanda lill-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokumenti 15874/23 + ADD1, 15876/23, u 15396/23, u jistieden lill-Presidenza tibda negozjati mal-Parlament Ewropew abbażi ta' dan bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari.
-